

Brussell, 22 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10084/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0117(NLE)

PECHE 191
UK 83
N 40

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Mejju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 213 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 dawn l-opportunitajiet tas-sajd

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 213 final.

Mehmuż: COM(2024) 213 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2024
COM(2024) 213 final

2024/0117 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2024/257 li jstabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2023/194 li jstabbilixxi għall-2023 dawn l-opportunitajiet tas-sajd

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257¹ jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Il-proposta temenda daww il-opportunitajiet tas-sajd bil-għan li jittieħed kont tal-parir xjentifiku l-aktar reċenti u ta' żviluppi oħra. Barra minn hekk, il-proposta tikkoreġi ċerti żbalji fir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2023/194² u 2024/257.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-objettivi u r-regoli tal-politika komuni tas-sajd (PKS).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta talloka opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri f'konformità mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd³. Skont l-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom jistgħu jiġu allokat lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, f'konformità ma' ċerti kriterji għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom il-marġni ta' diskrezzjoni meħtieġa meta jiddistribwixxu l-qabdiet totali permissibbli (TACs) allokat,

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj>).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

f'konformità mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-proposta temenda regolament eżistenti, l-istrument legali l-aktar xieraq huwa regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari permezz tal-kunsilli konsultattivi, abbażi tal-Komunikazzjoni annwali tagħha “Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2024” (COM(2023) 303).

It-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati għal dik il-Komunikazzjoni annwali stipulaw il-fehmiet tagħhom dwar l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-istat tar-riżorsi u dwar ir-reazzjoni ta' ġestjoni xierqa. Il-Kummissjoni kkunsidrat dawk it-tweġibiet meta kienet qed tifformula l-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) huwa bbażat fuq qafas li ġie żviluppat mill-gruppi ta' esperti u l-korpi deċiżjonali tiegħu u li nħareġ f'konformità mal-ftehim qafas ta' sħubija tiegħu mal-Kummissjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) TFUE jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.

Il-proposta tfittex li tevita approċċi fuq terminu qasir favur is-sostenibbiltà fit-tul. Din tqis l-inizjattivi meħuda mill-partijiet ikkonċernati u mill-kunsilli konsultattivi jekk dawn ikunu ġew rieżaminati b'mod pożittiv mill-ICES. Il-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tal-PKS kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt (SEC(2011) 891) li kkunsidrat li, filwaqt li l-ilħuq tal-objettiv tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) kienet kundizzjoni meħtieġa għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali, dawk it-tliet objettivi ma jistgħux jintlaħqu waħedhom.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd u l-istokkijiet tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) li huma mmaniġġjati b'mod konġunt ma' pajjiżi mhux tal-UE, il-proposta timplimenta miżuri maqbula internazzjonalment. Kwalunkwe aspekt li huwa rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd jiġi ttrattat fit-tnejn u t-twerttiq ta' negozjati internazzjonali li fihom l-opportunitajiet tas-sajd tal-UE jiġu maqbula ma' pajjiżi mhux tal-UE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari daww rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhux se jkollhom implikazzjonijiet baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tfittex li temenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 kif deskritt hawn taħt.

Inċova fl-ilmijiet Iberiċi

Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa b'mod proviżorju għal zero t-TAC għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni tal-ICES 9 u 10 (l-ilmijiet Iberiċi u l-ilmijiet madwar l-Azores) u fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni (CECAF) 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (fil-Lvant ta' Madeira u tal-Gżejjer Kanarji) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-inċova fid-diviżjoni tal-ICES 9a (l-ilmijiet Iberiċi) għal dak il-perjodu.

L-ICES huwa mistenni li jippubblika dak il-parir fl-14 ta' Ġunju 2024. Sakemm jiġi ppubblikat dak il-parir tal-ICES, it-TAC għall-inċova fis-subżoni tal-ICES 9 u 10 u fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni CECAF 34.1.1 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025 hija mmarkata "pm" (*pro memoria*). Hekk kif dak il-parir tal-ICES ikun disponibbli, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jkun jipponi dik it-TAC abbażi ta' dak il-parir.

Pollakkju fil-Golf tal-Biskalja

Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa b'mod proviżorju t-TAC għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*) fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e ("il-Golf tal-Biskalja") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2024 fil-livell ta' 500 tunnellata. Dik it-TAC proviżorja ġiet stabbilita minħabba li kien meħtieġ aktar żmien biex jiġi vvalutat l-impatt soċjoekonomiku tal-istabbiliment tat-TAC definittiva għall-2024 fil-livell rakkomandat mill-ICES fil-parir xjentifiku tiegħu⁴ għall-pollakkju fis-subżona tal-ICES 8 u fid-diviżjoni tal-ICES 9a (il-Golf tal-Biskalja u l-ilmijiet Iberiċi)⁵, jiġifieri 698 tunnellata.

Il-Kummissjoni talbet li l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jivvaluta dan l-impatt. Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-STECF biex jindika xi jkun il-livell tat-TAC definittiva għall-pollakkju fil-Golf tal-Biskalja meħtieġ biex jiġi evitat il-fenomeni ta'

⁴ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21841014.v1>

⁵ B'kont meħud tad-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn it-tliet TACs koperti minn dak il-parir: (i) it-TAC għall-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e (80 %); it-TAC għall-pollakkju fid-diviżjoni tal-ICES 8c (9 %); u (iii) it-TAC għall-pollakkju fis-subżoni tal-ICES 9 u 10 u fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni CECAF 34.1.1 (11 %).

“speċijiet bi kwota limitanti”⁶ fis-sajd immirat għal-lingwata (*Solea solea*) u għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*). Il-Kummissjoni pprovdiet lill-STEFCF rapport dwar il-kuntratti *ad hoc* li jipprovdi valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku fir-rigward tal-istabbiliment tat-TAC definittiva għall-pollakkju fil-Golf tal-Biskalja fil-livell rakkomandat mill-ICES meta mqabbel mal-istabbiliment ta’ dik it-TAC f’livelli oħra, kif ukoll dokumenti oħra ppreżentati minn Franza, inkluż studju mill-Istitut Franċiż tar-riċerka għall-esplorazzjoni tal-baħar (Ifremer)⁷.

Fit-28 ta’ Marzu 2024, l-STEFCF ippubblika l-valutazzjoni tiegħu⁸ tal-impatt soċjoekonomiku fir-rigward tal-istabbiliment tat-TAC definittiva għall-2024 fil-livell rakkomandat mill-ICES fil-parir xjentifiku tiegħu għall-pollakkju. F’dik il-valutazzjoni, l-STEFCF innota, fost oħrajn, dan li ġej.

L-ewwel nett, l-STEFCF jikkonkludi li *l-istudji* [jiġifieri r-rapport dwar il-kuntratti *ad hoc* u l-istudju mill-Ifremer] huma globalment konsistenti fl-identifikazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ispeċijiet bi kwota limitanti u l-effetti soċjoekonomiċi potenzjali jekk it-tnaqqis tat-TAC ta’ 53 % jiġi applikat għat-TAC għall-pollakkju, meta wieħed jassumi l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta’ ħatt l-art u l-għeluq tas-sajd wara l-eżawriment tat-TAC.

It-tieni nett, fir-rigward tal-istudju mill-Ifremer, l-STEFCF jirreferi għas-sejba tal-istudju li l-waqfien tas-sajd wara l-eżawriment tal-ICES irrakkomanda li... [TAC għall-]pollakkju jkun jirriżulta fit-teħid ta’ 43 % tat-TAC għan-Nephrops... u 50 % tat-TAC għal-lingwata... fl-2024. Il-qabdiet għall-mazzola ... u l-ispnotta wkoll jidhru li kien hemm impatt fuqhom, b’41 % u 51 % tat-TACs rispettivi tagħhom. L-STEFCF jikkunsidra wkoll li l-istudju jindika li, li kieku t-TAC definittiva għall-pollakkju fil-Golf tal-Biskalja kellha tiġi stabbilita f’livelli ogħla minn dak rakkomandat mill-ICES, dan xorta jkollu effett ta’ limitazzjoni fuq is-sajd għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u li t-TAC għall-pollakkju potenzjalment tkun tillimita l-flotot li jistadu għal-lingwata u għan-Nephrops bi kwalunkwe tnaqqis fit-TAC. Dan huwa konsistenti mal-kunsiderazzjonijiet tal-ICES fir-rigward tas-sajd imhallat⁹, li identifika il-pollakkju bħala l-ispeċi l-aktar limitanti għas-sajd demersali fil-Golf tal-Biskalja.

It-tielet nett, fir-rigward tar-rapport dwar il-kuntratti *ad hoc*, l-STEFCF jirreferi għas-sejba tar-rapport li, li kieku t-TAC definittiva għall-pollakkju fil-Golf tal-Biskalja kellha tiġi stabbilita fil-livell rakkomandat mill-ICES, l-effett tal-ispeċijiet bi kwota limitanti, li huwa simulat fix-xenarji bl-użu tal-Livell minimu ta’ implimentazzjoni tal-isforz, jista’ jkun importanti ħafna. L-attività ta’ dawn il-flotot kienet aktar intensa fl-ewwel żewġ trimestri tas-sena, u għalhekk, is-sajd tal-ispeċijiet bi kwota limitanti huwa simulat li jseħħ fit-tieni trimestru tas-sena (TAC=500t), fit-tielet trimestru tas-sena (TAC=698t) jew fir-raba’ trimestru tas-sena bl-użu tal-kapaċità aktar baxxa ta’ qbid li ġiet osservata fl-2022 u meta wieħed jassumi l-skambji minn Spanja għal Franza. L-STEFCF jirreferi wkoll għall-konklużjoni tar-rapport li t-TAC annwali minima meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-isforz totali simulat (...) ivarja minn 1209 tunnellati ([meta wieħed jassumi] l-ebda skambju u kapaċità medja ta’ qbid) sa 824 tunnellata ([meta wieħed jassumi] l-skambji minn Spanja għal Franza u l-kapaċità ta’ qbid tal-2022).

⁶ Kif tispjega l-premessa 8 tar-Regolament (UE) 2024/257, “speċijiet bi kwota limitanti” huma speċijiet b’nuqqas ta’ kwota li tista’ twassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqaf mis-sajd anke jekk xorta jkollhom kwota għal speċijiet oħra.

⁷ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf-plen-24-01-background-docs>

⁸ https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf_plen_24-01

⁹ <http://doi.org/10.17895/ices.advice.24212037>

Minbarra l-valutazzjoni tal-STECEF, il-Kummissjoni tinnota li r-rapport dwar il-kuntratti *ad hoc*, kif ġie rieżaminat mill-STECEF, jikkunsidra li li kieku t-TAC definittiva għall-pollakkju fil-Golf tal-Biskalja kellha tiġi stabbilita fil-livell rakkomandat mill-ICES, dan iwassal għal tnaqqis fl-introjtu totali tal-flotot Franċiżi kkonċernati ta' EUR 48 miljun (-37 %) meta mqabbel mal-introjtu medju fil-perjodu mill-2020 sal-2022 (meta wieħed jassumi l-kapaċità l-aktar baxxa ta' qbid, l-2022). Il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-rapport dwar il-kuntratti *ad hoc* jindika li, sabiex is-sajd jinżamm fl-isforz attwali sa tmiem l-2024, it-TAC definittiva għall-pollakkju fil-Golf tal-Biskalja jkun jeħtieġ li jiġi stabbilita fil-livell ta' 985 tonnellata u li dan il-livell ikun iwassal għal tnaqqis żgħir fl-introjtu totali ta' 1,6 %. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li Franza tkun affettwata b'mod sproporzjonat minn kwalunkwe tnaqqis ta' dik it-TAC peress li attwalment tiddependi fuq l-iskambji u l-flessibbiltà minn sena għall-oħra. L-użu ta' dawk il-flessibbiltajiet għalhekk isir aktar diffiċli.

Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-STECEF, l-elementi addizzjonali miġbura fil-qosor fil-paragrafu preċedenti u d-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha fl-MSY fl-istess ħin, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun iwassal għal għeluq tas-sajd wieħed jew aktar qabel il-waqt, huwa propost, skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/472¹⁰, li:

- it-TAC definittiva għall-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e għall-2024 tiġi stabbilita fil-livell ta' 959 tonnellata. Skont il-parir tal-ICES, dak il-livell jikkorrispondi għall-ħatt l-art ta' dak l-istokk fl-2022, jiġifieri s-sena l-aktar reċenti li għaliha hemm *data* disponibbli. L-istabbiliment tat-TAC definittiva għal 959 tonnellata se jiżgura li l-perssioni tas-sajd attwali fuq il-pollakkju fis-subżona tal-ICES 8 u fid-diviżjoni tal-ICES 9a ma tiżdiedx. Il-parir xjentifiku mill-ICES¹¹ jistma li l-mortalità mis-sajd għal dak l-istokk attwalment hija taħt il-livell li jagħti r-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Barra minn hekk, l-istabbiliment tat-TAC definittiva fil-livell ta' 959 tonnellata, skont l-istudju mill-Ifremer, se jippermetti li t-TACs tas-sajd għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-iskampu u għal-lingwata komuni jkunu ta' 56 %, 47 % u 55 % rispettivament. Barra minn hekk, fil-waqt li dak il-livell se jnaqqas l-introjtu totali tal-flotot, b'mod partikolari tal-flotot Franċiżi, is-sajjieda se jkunu jistgħu jkomplu jistadu t-TACs għall-ispnotta, għall-iskampu u għal-lingwata komuni sar-raba' kwart tal-2024; u
- id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e għall-2024 jiżdied minn 30 cm għal 42 cm. Skont il-parametru referenzjarju tal-ICES għall-2023 għal dak l-istokk u r-rapport rilevanti tal-grupp ta' ħidma tal-ICES¹², 42 cm jikkorrispondi għat-tul meta jimmatura għal dak l-istokk. Konsegwentement, din il-miżura se tiżgura li l-individwi immaturi jiġu protetti aktar u għaldaqstant tikkontribwixxi għall-irkupru tal-bijomassa ta' dak l-istokk, li l-parir xjentifiku mill-ICES jistma li attwalment huwa taħt il-valur tal-iskattar tal-indiċi tal-bijomassa ($I_{trigger}$). Barra minn hekk, mingħajr din il-miżura, il-

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

¹¹ B'kont meħud tad-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn it-tliet TACs koperti minn dak il-parir: (i) it-TAC għall-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e (80 %); it-TAC għall-pollakkju fid-diviżjoni tal-ICES 8c (9 %); u (iii) it-TAC għall-pollakkju fis-subżoni tal-ICES 9 u 10 u fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni CECAF 34.1.1 (11 %).

¹² <https://doi.org/10.17895/ices.pub.23372990.v1>
<https://doi.org/10.17895/ices.pub.23541168.v1>

livell tat-TAC definittiva għall-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e għall-2024 ikollu jitnaqqas aktar biex il-pollakkju fis-subżona tal-ICES 8 u fid-diviżjoni tal-ICES 9a jkun jista' jirkupra. Din il-miżura għandha tapplika biss sal-adozzjoni ta' att delegat li ġie adottat f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ u li jemenda l-Anness VII, il-parti A, ta' dak ir-Regolament billi jintroduċi miżura teknika korrispondenti.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/472, huwa propost li jiġi pprojbit is-sajd għall-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e minn bastimenti tas-sajd li jistadu għall-ispnott, għall-iskampu u għal-lingwata komuni bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir demersali¹⁴, tartaruni¹⁵, u għeżula fissi¹⁶.

Gamblu tat-Tramuntana fi Skagerrak-Kattegat

Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero t-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni tal-ICES 3a (Skagerrak-Kattegat) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjonijiet tal-ICES 3a u 4a fil-Lvant (Skagerrak-Kattegat u fit-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana fil-fond Norveġiż).

L-ICES huwa mistenni li jippubblika dak il-parir fis-7 ta' Ġunju 2024. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir tal-ICES, l-UE se ttwettaq konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd ġenerali għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025; (ii) il-livell tat-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni tal-ICES 3a għal dak il-perjodu; u (iii) l-iskambji addizzjonali tal-opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana min-Norveġja lejn l-UE għall-2024, fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N, li l-UE u n-Norveġja qablu li jikkunsidraw matul il-konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-iskambju tal-kwoti u l-arranġamenti dwar l-aċċess għall-2024. Sakemm joħroġ l-eżitu formali ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, it-test tal-premessa rilevanti tar-Regolament (UE) 2023/194¹⁷ huwa inkluż fil-parentesi kwadri, bl-aġġustamenti rilevanti, u t-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni tal-ICES 3a għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025 hija mmarkata "pm" (*pro memoria*). Hekk kif ikun magħruf l-eżitu formali ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jkun jipproponi dik it-TAC għal dak il-perjodu fil-livell maqbul man-Norveġja.

Laċċa kaħla fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak-Kattegat

¹³ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

¹⁴ It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir demersali (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).

¹⁵ It-tipi kollha ta' tartaruni (SSC, SDN, SPR, SV, SB u SX).

¹⁶ L-għeżula fissi u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jstabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jstabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero t-TACs għal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-qabdiet aċċessorji assoċjati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025: (i) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk tar-Renju Unit tas-subżona tal-ICES 4 u tad-diviżjoni tal-ICES 2a; u (ii) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni tal-ICES 3a (Skagerrak-Kattegat), sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għal-laċċa kaħla fis-subżona tal-ICES 4 u fid-diviżjoni tal-ICES 3a għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025.

L-ICES huwa mistenni li jippubblika dak il-parir fit-18 ta' April 2024. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir tal-ICES, l-UE se twettaq konsultazzjonijiet trilaterali mar-Renju Unit u n-Norveġja dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd ġenerali għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025; u (ii) l-livell tat-TAC għal-laċċa kaħla fis-subżona tal-ICES 4 u fid-diviżjoni tal-ICES 2a u t-TAC għal-laċċa kaħla fid-diviżjoni tal-ICES 3a għal dak il-perjodu. Sakemm joħroġ l-eżitu formali ta' dawk il-konsultazzjonijiet trilaterali, it-test tal-premessa rilevanti tar-Regolament (UE) 2023/194 huwa inkluż fil-parentesi kwadri, bl-aġġustamenti rilevanti, u t-TACs għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025: (i) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk tar-Renju Unit tas-subżona tal-ICES 4 u tad-diviżjoni tal-ICES 2a; u (ii) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni tal-ICES 3a (Skagerrak u Kattegat), huma mmarkati "pm" (*pro memoria*). Hekk kif ikun magħruf l-eżitu formali ta' dawk il-konsultazzjonijiet trilaterali, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jkun jipproponi dawk it-TACs għal dak il-perjodu fil-livell maqbul mar-Renju Unit u n-Norveġja.

Laċċa kaħla fil-Kanal Inġliż

Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero t-TAC għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-UE u tar-Renju Unit tad-diviżjonijiet tal-ICES 7d u 7e (il-Kanal Inġliż) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għal-laċċa kaħla f'dik iż-żona għal dak il-perjodu.

L-ICES huwa mistenni li jippubblika dak il-parir fit-18 ta' April 2024. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir tal-ICES, l-UE se twettaq konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit dwar il-livell tat-TAC għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025, skont l-Artikoli 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra¹⁸ ("Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Sakemm joħroġ l-eżitu formali ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, it-test tal-premessa rilevanti tar-Regolament (UE) 2023/194 huwa inkluż fil-parentesi kwadri, bl-aġġustamenti rilevanti, u t-TAC għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fid-diviżjonijiet tal-ICES 7d u 7e għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025, hija mmarkata "pm" (*pro memoria*). Hekk kif ikun magħruf l-eżitu formali ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jkun jipproponi dik it-TAC għal dak il-perjodu fil-livell maqbul mar-Renju Unit.

Redfish fil-Grigal tal-Atlantiku

¹⁸ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

Ir-Regolament (UE) 2024/257 immarka l-kwota tal-UE għar-redfish (*Sebastes spp.*) fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni tal-ICES 1 u 2 (il-Grigal tal-Atlantiku) bħala “trid tiġi stabbilita”.

Sabiex is-sajd ikun jista' jibda fl-1 ta' Lulju 2024, huwa propost li tiġi stabbilita dik il-kwota tal-UE għar-redfish fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni tal-ICES 1 u 2 għall-2024. Huwa propost li tiġi stabbilita dik il-kwota tal-UE fil-livell ta' 6 000 tonn, jiġifieri fl-istess livell bħal dak għall-2023, sakemm ikun hemm parir xjentifiku disponibbli u li tiġi permessa ż-żamma fil-livell storiku tal-attivitajiet tas-sajd tal-UE għall-istokk fl-ilmijiet internazzjonali.

ICCAT

Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2024/897¹⁹ li jimplementa fid-dritt tal-UE ċerti miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT).

Ir-Regolament (UE) 2024/897, *inter alia*, jemenda l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2017/2107²⁰ billi jdaħħal dispożizzjoni ġdida f'dak ir-regolament tal-aħħar li tipprojbixxi lill-bastimenti tal-UE milli jagħmlu ħsara lill-pixxitondu li jinqabad fl-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5°N, u li tirrikjedi li l-bastimenti tal-UE jirrilaxxaw minnufih dan il-pixxitondu fil-baħar, filwaqt li tagħti kunsiderazzjoni xierqa lis-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ. Barra minn hekk, l-Artikoli 32 u 34 sa 36 tar-Regolament (UE) 2017/2107 diġà jipprojbixxu lill-bastimenti tal-UE milli jżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*), tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) tal-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* u tal-klieb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*), li jinqabdu b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żoni tal-ICCAT, u jirrikjedu li jirrilaxxaw minnufih eżemplari li ma tkunx saritilhom ħsara lura fil-baħar. Sabiex jiġu evitati dispożizzjonijiet simili dwar l-istess suġġett, huwa għalhekk xieraq li jitħassar l-Artikolu 27(1) u (3) sa (6) tar-Regolament (UE) 2024/257.

Ir-Regolament 2024/897 jemenda wkoll, fost oħrajn, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ billi jdaħħal dispożizzjoni ġdida f'dak ir-regolament tal-aħħar li permezz tagħha l-Istati Membri jistgħu jitolbu li jittrasferixxu massimu ta' 5 % tal-kwota annwali tagħhom ta' tonn (*Thunnus thynnus*) fl-Oċean Atlantiku, fl-Lvant ta' 45°W, u fil-Mediterran mis-sena ta' qabel għal sena partikolari. Meta l-Istati Membri jagħmlu din it-talban, huma meħtieġa jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan annwali tas-sajd rivedut u pjan annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd rivedut. Abbażi ta' dawn il-

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/897 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) 2023/2053 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fl-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L, 2024/897, 19.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/897/oj>).

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

²¹ Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fl-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1)

pjanijiet annwali tas-sajd u l-pjanijiet annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd riveduti, il-Kummissjoni se tippreżenta pjan annwali tal-UE rivedut lis-Segretarjat tal-ICCAT biex jiġi diskuss u approvat mill-ICCAT, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2023/2053. Sakemm jiġi ppreżentat u approvat dan il-pjan annwali tal-UE rivedut mill-ICCAT, it-TAC għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fl-Lvant ta' 45°L, u fil-Mediterran għall-2024 hija mmarkata "pm" (*pro memoria*). Hekk kif dan il-pjan annwali tal-UE rivedut jiġi approvat mill-ICCAT, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jkun jipproponi li tiġi emendata t-TAC għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fl-Lvant ta' 45°L, u fil-Mediterran għall-2024.

Skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) 2023/2053, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Mejju ta' kull sena, pjanijiet għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut riveduti għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT. Abbażi ta' dawn il-pjanijiet għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut, il-Kummissjoni se tippreżenta pjan annwali tal-UE rivedut lis-Segretarjat tal-ICCAT biex jiġi diskuss u approvat mill-ICCAT. Sakemm dan il-pjan annwali tal-UE rivedut jiġi ppreżentat u approvat mill-ICCAT, it-test tal-premessa rilevanti tar-Regolament (UE) 2023/194 huwa inkluż fil-parentesi kwadri, bl-aġġustamenti rilevanti, u l-input u l-kapaċità massimi tat-trobbija tal-ħut tal-UE għall-2024 huma mmarkati "pm" (*pro memoria*). Hekk kif dan il-pjan annwali tal-UE rivedut possibbli jiġi approvat mill-ICCAT, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jkun jipproponi li jiġu emendati l-input u l-kapaċità massimi rilevanti tat-trobbija tal-ħut għall-2024.

NPFC

Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC) emendat il-miżuri għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC u għall-ewwel darba stabbiliet limiti ta' qbid għal dak l-istokk disponibbli għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża rispettivament għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025²². Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet ammont addizzjonali ta' dak l-istokk għall-UE għal dak l-istess perjodu. Hija stabbiliet ukoll limiti tal-isforz assoċjati. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk il-limiti ta' qbid u ma' dak l-ammont addizzjonali, li mingħajrom: (i) dawk il-limiti ta' qbid għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC ma setgħux jiġu stabbiliti; u (ii) l-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC ikollhom jitnaqqsu biex jiġu protetti l-ispeċijiet mhux fil-mira. Huwa propost li dawk l-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri funzjonalment marbuta jiġu implimentati fid-dritt tal-UE. Fir-rigward tal-limiti ta' qbid u l-ammont addizzjonali għall-UE, huwa propost li dawk jiġu allokati fil-livell tal-UE, peress li l-Istati Membri ma stadux għal dak l-istokk fil-passat.

Korrezzjoni ta' żbalji

Fl-Anness IA, il-Parti B, tar-Regolament (UE) 2024/257, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1015²³, għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbalji li ġejjin:

²² CMM 2024-07.

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1015 tas-26 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1015, 27.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1015/oj>).

- it-Tabella 103, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna: jenhtiegħ li l-kodiċi ta' rappurtar “MAC/*3A4-BC” għandu jiġi sostitwit b’“MAC/*3A4BC”.
- it-Tabella 123, in-nota 2 f'qiegħ il-paġna: Minbarra l-kwota tal-UE għall-ħut industrijali fl-ilmijiet Norveġiżi tas-subżona tal-ICES 4, l-ammont ta' sawrell (*Trachurus* spp.) li jista' jinqabad taħt dik il-kwota tal-UE għandu jiġi stabbilit ukoll f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet fir-rigward tas-sajd bejn in-Norveġja u l-UE, f'isem l-Iżvezja, għall-2024²⁴. Għalhekk, dak l-ammont għandu jiġi stabbilit fil-livell ta' 400 tunnellata.

Fl-Anness IK tar-Regolament (UE) 2024/257, għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbalji li ġejjin:

- it-Tabella 1, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna: għal raġunijiet ta' ċarezza legali, ir-referenza għas-subżona tal-FAO 51.7 għandha titħassar, peress li ż-żona stipulata f'dik in-nota f'qiegħ il-paġna tkopri wkoll partijiet mis-subżona tal-FAO 51.6.
- it-Tabella 2, nota 1 f'qiegħ il-paġna: f'konformità mal-approċċ segwit fit-Tabella 1, ir-referenza għas-subżona tal-FAO 51.7 għandha titħassar.
- it-Tabella 3, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna: f'konformità mal-approċċ segwit fit-Tabella 1, ir-referenza għas-subżona tal-FAO 57.4 għandha titħassar. Barra minn hekk, il-koordinati tal-punti 1 u 4 għandhom jiġu kkoreġuti.

Fir-Regolamenti (UE) 2023/194 u (UE) 2024/257, għandhom jiġu kkoreġuti l-iżbalji li ġejjin fir-rigward tal-ispeċijiet ipprojbiti:

- l-Artikolu 18(1), il-punt (p), u l-Anness IA, il-Parti D, tar-Regolament (UE) 2023/194: F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet 08: 2024 sa 10:2024²⁵ tal-NEAFC, il-bastimenti tas-sajd tal-UE ma għandhomx jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art il-klieb il-baħar tal-fond, il-ħamiam il-baħar tal-fond (*Rajiformes*) u l-*Chimaeridae* tal-fond, li huma elenkati f'dawk ir-rakkomandazzjonijiet f': (i) l-ilmijiet internazzjonali kollha taż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC)²⁶ (iż-“Żona Regolatorja” tal-NEAFC); u, kif xieraq, (ii) l-ilmijiet tal-UE taż-żona tal-Konvenzjoni tal-NEAFC. Għalhekk, il-projbizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-bastimenti tas-sajd tal-UE fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni tal-ICES 1, 2 u 14. Barra minn hekk, il-projbizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal: (i) il-gattarell ħalqu iswed (*Galeus melastomus*); (ii) l-ispeċijiet *Rajiformes* li huma elenkati fir-

²⁴ https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/document/download/006c234d-d1fb-4032-810c-20e897a00d6d_en?filename=2023-12-08-EU%28SE%29-NO-Agreed-Record-2024.pdf

²⁵ https://www.neafc.org/system/files/Recommendation-08-2024_Deep-sea-chimaera.pdf
https://www.neafc.org/system/files/Recommendation-09-2024_Deep-sea-sharks.pdf
https://www.neafc.org/system/files/Recommendation-10-2024_Deep-sea-rays.pdf

²⁶ “Żona tal-Konvenzjoni tal-NEAFC” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal*.
 * ĠU L 227, 12.8.1981, p. 22. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tal-NEAFC permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21).

rakkomandazzjoni 10:2024 tal-NEAFC; u (iii) l-ispeċijiet *Chimaeras* li huma elenkati fir-rakkomandazzjoni 08:2024 tal-NEAFC; u

- l-Artikolu 18(1), il-punt (p), u l-Anness IA, il-Parti D, tar-Regolament (UE) 2023/194, l-Artikolu 20(1), il-punti (c) sa (f), u l-Artikolu 55(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2024/257: Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali, il-projbizzjonijiet għandhom jitħassru mir-Regolament (UE) 2024/257 u jiġu inklużi fir-Regolament (UE) 2023/194.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 dawn l-opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257²⁷ jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, għandhom jiġu emendati biex tiġi kkunsidrata l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs).
- (2) [Wara l-pubblikazzjoni mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) tal-parir tiegħu għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fid-diviżjoni tal-ICES 9a għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025 fi [X], il-qabdiet totali permissibbli (TAC) għall-inċova fis-subżoni tal-ICES 9 u 10 u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni (CECAF) 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant għal dak il-perjodu, għandhom jiġu stabbiliti f'konformità ma' dak il-parir.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-pubblikazzjoni tal-parir tal-ICES.]*
- (3) Fit-28 ta' Marzu 2024, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ippubblika l-opinjoni tiegħu²⁸ dwar l-impatt soċjoekonomiku fir-rigward tal-istabbiliment tat-TAC għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*) fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e għall-2024, fil-livell rakkomandat mill-ICES²⁹, u li tindika l-livell ta' dik it-TAC meħtieġ biex jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwota limitanti"³⁰. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita t-TAC definittiva għall-2024, li

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj>).

²⁸ https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf_plen_24-01

²⁹ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21841014.v1>

³⁰ "Speċi bi kwota limitanti" hija speċi b'nuqqas ta' kwota li tista' twassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqfu mis-sajd anke jekk xorta jkollhom kwota għal speċijiet oħra.

tissositwixxi t-TAC proviżorja stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/257 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2024. Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, jenħtieġ li dik it-TAC tiġi stabbilita għal livell ta' 959 tonnellata, li, skont dik l-opinjoni, se jippermetti lill-flotot ikompli joperaw sar-raba' kwart tas-sena u għalhekk inaqqsu: (i) il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti" u l-għeluq qabel il-waqt tas-sajd rilevanti; u (ii) l-impatti soċjoekonomiċi assoċjati fuq is-settur tas-sajd.

- (4) [Bejn it-13 u d-29 ta' Ġunju 2023, l-Unjoni u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd ġenerali għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjonijiet tal-ICES 3a u 4a fl-Lvant għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024; kif ukoll (ii) il-livell tat-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni tal-ICES 3a. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul li ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2023. Għalhekk it-TAC rilevanti għandha tiġi stabbilita fil-livell maqbul man-Norveġja]. *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja.]*
- (5) [Fit-12 ta' Mejju 2023, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd ġenerali għal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk tar-Renju Unit tas-subżona tal-ICES 4 u tad-diviżjoni tal-ICES 2a għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025; u fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni tal-ICES 3a għall-istess perjodu, kif ukoll (ii) il-livell tat-TAC għal-laċċa kaħla f'dawk iż-żoni. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul li ġie ffirmat fis-16 ta' Mejju 2023. It-TACs għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024: (i) fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk tar-Renju Unit tas-subżona tal-ICES 4 u tad-diviżjoni tal-ICES 2a; u (ii) fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni tal-ICES 3a, għalhekk jgħandhom jiġu stabbiliti fil-livelli maqbula mar-Renju Unit u n-Norveġja]. *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja.]*
- (6) [Fl-4 ta' Mejju 2023, l-Unjoni u r-Renju Unit kellhom konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra³², dwar il-livell tat-TAC għal-laċċa kaħla fid-diviżjonijiet tal-ICES 7d u 7e għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub li ġie ffirmat fl-1 ta' Ġunju 2023. Għalhekk, it-TAC għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fid-diviżjonijiet tal-ICES 7d u 7e għal dak il-perjodu għandhom jiġu stabbiliti fil-livell maqbul mar-Renju Unit]. *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.]*

³¹ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

³² ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (7) Sabiex is-sajd ikun jista' jibda fl-1 ta' Lulju 2024, huwa propost li tiġi stabbilita l-kwota tal-Unjoni għar-redfish (*Sebastes* spp.) fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni tal-ICES 1 u 2 għall-2024. Dik il-kwota tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi stabbilita fil-livell ta' 6 000 tunnellata, jiġifieri fl-istess livell bħal dak għall-2023, sakemm ikun hemm parir xjentifiku disponibbli u li tiġi permessa ż-żamma fil-livell storiku tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni għall-istokk fl-ilmijiet internazzjonali.
- (8) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC) emendat il-miżuri għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC u, għall-ewwel darba, stabbiliet limiti ta' qbid għal dak l-istokk disponibbli għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża rispettivament, għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025, inkluża l-Unjoni. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet ammont addizzjonali ta' dak l-istokk għall-Unjoni għal dak l-istess perjodu. Hija stabbiliet ukoll limiti tal-isforz assoċjati. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk il-limiti ta' qbid u ma' dak l-ammont addizzjonali, li mingħajrom: (i) dawk il-limiti ta' qbid għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC ma setgħux jiġu stabbiliti; u (ii) l-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC ikollhom jitnaqqsu biex jiġu protetti l-ispeċijiet mhux fil-mira. Huwa propost li dawk l-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri funzjonalment marbuta jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Fir-rigward tal-limiti ta' qbid u l-ammont addizzjonali għall-Unjoni, peress li fil-passat l-Istati Membri ma stadux għal dak l-istokk, huwa propost li dawk jiġu allokati fil-livell tal-Unjoni.
- (9) Ir-Regolament (UE) 2024/897 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³, *inter alia*, jemenda l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2017/2017³⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵ billi jdaħħal dispożizzjoni ġdida f'dak ir-regolament tal-aħħar, li tipprojbixxi lill-bastimenti tal-Unjoni milli jagħmlu ħsara lill-pixxitondu li jinqabad fl-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5°N, u jirrikjedi li l-bastimenti tal-Unjoni jirrilaxxaw dan il-pixxitondu fil-baħar, filwaqt li tagħti kunsiderazzjoni xierqa lis-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ. Sabiex jiġu evitati dispożizzjonijiet simili dwar l-istess suġġett, huwa xieraq li jitħassar l-Artikolu 27(6) tar-Regolament (UE) 2024/257.
- (10) L-Artikoli 32 u 34 sa 36 tar-Regolament (UE) 2017/2017 diġà jipprojbixxu lill-bastimenti tal-Unjoni milli jżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*), tal-klieb

³³ Ir-Regolament (UE) 2024/897 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) 2023/2053 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fl-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L, 2024/897, 19.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/897/oj>).

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) tal-kurazzi tal-familja Sphyrnidae u tal-klieb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*), li jinqabdu b'raba mal-attivitatijiet tas-sajd fiż-żoni tal-ICCAT, u jirrikjedu li jirrilaxxaw minnufih eżemplari li ma tkunx saritilhom ħsara lura fil-baħar. Sabiex jiġu evitati dispożizzjonijiet simili dwar l-istess suġġett, huwa xieraq ukoll li jitħassru l-Artikoli 27(1) u (3) sa (5) tar-Regolament (UE) 2024/257.

- (11) [Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶, ċerti Stati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni pjanijiet annwali tas-sajd u pjanijiet annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd riveduti b'talbiet biex jiġi ttrasferit perċentwal tal-kwota annwali tagħhom ta' tonn (*Thunnus thynnus*) fl-Oċean Atlantiku, fl-Lvant ta' 45°L, u fil-Mediterran mill-2023 sal-2024. Abbażi ta' dawk il-pjanijiet riveduti, il-Kummissjoni ppreżentat pjan annwali tal-Unjoni rivedut għall-2024 lis-Segretarjat tal-ICCAT fi [X] ta' Mejju 2024, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2023/2053. Il-pjan annwali tal-Unjoni rivedut għall-2024 ġie approvat mill-ICCAT fi [X]. Għalhekk, it-TAC għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, Lvant ta' 45°L, u fil-Mediterran għall-2024 għandha tiġi emendata f'konformità mal-pjan annwali tal-Unjoni rivedut.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li l-pjan annwali tal-Unjoni rivedut jiġi approvat mill-ICCAT.]*
- (12) [Ħames Stati Membri ressqu l-pjanijiet riveduti tagħhom ta' ġestjoni tat-trobbija tat-tonn lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) 2023/2053. Abbażi ta' dawk il-pjanijiet riveduti, il-Kummissjoni ppreżentat pjan annwali rivedut tal-Unjoni għall-2023 lis-Segretarjat tal-ICCAT fid-9 ta' Mejju 2023. Il-pjan annwali rivedut tal-Unjoni għall-2023 ġie approvat mill-ICCAT fl-11 ta' Mejju 2023. Għalhekk, jenħtieġ li l-ammont u l-kapaċità massimi tat-trobbija jiġu emendati f'konformità mal-pjan annwali rivedut tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li l-pjan annwali tal-Unjoni rivedut jiġi approvat mill-ICCAT.]*
- (13) L-Artikolu 20(1) u ċerti tabelli tat-TAC fl-Annessi IA, il-Parti B, u IK tar-Regolament (UE) 2024/257, u l-Artikolu 18(1) u l-Anness IA, il-Parti D, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194³⁷ fihom ċerti żbalji fir-rigward tal-livelli tal-opportunitajiet tas-sajd, l-ispeċijiet, iż-żoni ta' applikazzjoni u l-kodiċijiet ta' rappurtar. Għaldaqstant, huwa għalhekk xieraq li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu kkoreġuti.
- (14) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2023/194 u (UE) 2024/257 għandhom jiġu emendati u kkoreġuti.
- (15) Ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkoreġu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/357 dwar ċerti opportunitajiet tas-sajd fiż-żona tas-SIOFA japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2023, f'konformità mal-perjodu ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet emendati. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jemendaw jew jikkoreġu d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2023/194 u (UE) 2024/257 dwar: (i) il-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a,

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fl-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1)

³⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

8b, 8d u 8e; (ii) it-tonn fl-Oċean Atlantiku, fl-Lvant ta' 45°L, u fil-Mediterran; u (iii) l-korrezzjonijiet tal-iżbalji, għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024, f'konformità mal-perjodu ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati. Din l-applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-livell jew iż-żona ta' applikazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd jew tal-limiti tat-trobbija tal-ħut żdiedu.

- (16) Minħabba l-urġenza biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda u korrezzjoni tar-Regolament (UE) 2024/257

Ir-Regolament (UE) 2024/257 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1(2) jiddaħħal il-punt (d) li ġej:

“

- (d) opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025 fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC.

”

- (2) Fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-punt (ra) li ġej:

“

- (ra) “Żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC (il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana)” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku³⁸;

”

- (3) Jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

“

³⁸ ĠU L 55, 28.2.2022, p. 14. L-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/314 tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 12).

Artikolu 12a
Miżuri dwar il-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e

Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 42 cm għandu japplika għall-qabdiet tal-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e.

”

- (4) Fl-Artikolu 20(1), jitħassru l-punti (c) sa (f).
- (5) L-Artikolu 27 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“

Artikolu 27
Klieb il-baħar

Minbarra l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 sa 36 tar-Regolament 2017/2107, għandu jkun ipprojbit ukoll is-sajd immirat għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

”

- (6) Tiddaħħal it-Taqsima 11a li ġejja:

“

TAQSIMA 11A
ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-NPFC

Artikolu 48a
Sajd għall-kavall għajnejh kbar

1. Għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC, l-Istati Membri tal-bandiera għandhom jittrażmettu d-*data* aggregata li ġejja lill-Kummissjoni sad-dati li ġejjin:
 - (a) il-qabdiet ta' kull xahar taħt il-limiti ta' qbid għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża rispettivament kif stabbilit fl-Anness IM, meta l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun inqas minn 60 %, sas-sebgħa tax-xahar ta' wara; u
 - (b) il-qabdiet ta' kull ġimgħa tal-kavall għajnejh kbar taħt dawk il-limiti ta' qbid meta l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun ogħla minn 60 % u inqas minn 95 %, sat-Tlieta tal-ġimgħa ta' wara.

Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC.

2. Fi żmien jumejn mid-*data* tal-ħruġ tan-notifiki tas-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC li l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun laħaq il-95 %, il-Kummissjoni għandha tagħlaq is-sajd taħt dawk il-limiti ta' qbid.

3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tittrażmetti l-qabdiet annwali tal-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC lis-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC sal-aħħar ta' Frar tas-sena ta' wara.
4. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-obbligi ta' rappurtar dwar l-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009³⁹.

Artikolu 48b

Protezzjoni tal-klieb il-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC ma għandhomx jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art klieb il-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC.
2. Meta jinqabdu aċċidentalment, ma għandhiex issir ħsara lill-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jinħelsu immedjatament.

Artikolu 48c

Protezzjoni tal-ħut anadromi fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC ma għandhomx jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art is-salamun (*Oncorhynchus keta*), is-salamun (*Oncorhynchus kisutch*), is-salamun (*Oncorhynchus gorbuscha*), is-salamun aħmar (*Oncorhynchus nerka*), is-salamun iswed (*Oncorhynchus tshawytscha*), is-salamun (*Oncorhynchus masou*) u t-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*).
2. Meta jinqabdu aċċidentalment, ma għandhiex issir ħsara lill-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jinħelsu immedjatament.

”

(7) Fl-Artikolu 55(1), jitħassar il-punt (d).

(8) Fl-Artikolu 59, jiddaħħlu l-punti (aa), (ga), (ia) u (ja) li ġejjin:

“

(aa) L-Artikolu 12a għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 jew sad-data li fiha isir applikabbli att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 15(2)

³⁹ ĠU L 55, 28.2.2022, p. 14. L-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/314 tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 12).

tar-Regolament (UE) 2019/1241 u li jemenda l-Anness VII, il-Parti A, ta' dak ir-Regolament fir-rigward tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e, skont liema tiġi l-ewwel.

”

“

(ga) It-Taqsima 11a għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025 jew sad-data li fiha jsir applikabbli Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi miżuri applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku, skont liema tiġi l-ewwel;

”

“

(ia) Fl-Anness IA, il-Parti A, it-Tabella 17, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024;

”

“

(ja) L-Anness IM għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025;

”

(9) L-Annessi IA, IB, ID, IK u VI huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(10) L-Anness IM jiddaħħal f'konformità mal-Anness I, il-punt (16) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda u korrezzjoni tar-Regolament (UE) 2023/194

Ir-Regolament (UE) 2023/194 jiġi emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) L-Artikolu 18(1), il-punt (p) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“

- (p) l-ispeċijiet tal-baħar fond li huma elenkati fl-Anness I, il-Parti D, fl-ilmijiet tal-Unjoni, f'dawk tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żoni tal-ICES: 1; 2, għajr l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; 5 sa 10; 12; u 14, u ż-żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2. Barra minn hekk, fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk tar-Renju Unit tad-diviżjoni tal-ICES 2a u tas-subżona tal-ICES 4, fejn speċifikat f'dak l-Anness.

”

- (2) L-Artikolu 55(1), il-punt (k) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“

- (k) klieb il-baħar tal-fond elenkati fl-Anness I, il-Parti D, fl-ilmijiet tal-Unjoni ta': s-subżoni tal-ICES 6 sa 10; u ż-żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2. Barra minn hekk, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona tal-ICES 4, fejn speċifikat f'dak l-Anness.

”

- (3) L-Anness I, il-Parti D, jiġi emendat u kkoreġut f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2023. Madankollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President